

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Ottubru 2007

li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti *extra*-Ewropej tagħha u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/166/KE

(2007/659/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 299(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 299(2) tat-Trattat, it-Trattat huwa applikabbli għad-Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej, għall-Azores, il-Madejra u l-Gżejjer Kanarji. Madanakollu, billi jittieħed kont tas-sitwazzjoni strutturali soċjali u ekonomika tad-Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej, l-Azores, il-Madejra u l-Gżejjer Kanarji, li hija aktar ikkumplikata bid-distanza u l-insularità tagħhom, bid-daqs żgħir, bit-topografija u l-klima diffiċli, bid-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti, li l-permanenza u l-kumbinazzjoni tagħhom jirrestrinġu bi kbir l-iżvilupp tagħhom, il-Kunsill, b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, għandu jadotta miżuri speċifiċi bl-iskop li, partikolarment, jstabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tat-Trattat għal dawk ir-reġjuni, inklużi l-politiki komuni. Il-Kunsill huwa mitlub, meta jadotta tali miżuri, jieħu kont ta' oqsmha bħall-politika fiskali. Huwa u jadotta dawn il-miżuri, għandu jikkunsidra l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, bla ħsara għall-integrità u l-koerenza ta' l-ordni ġuridiku Komunitarju, inklużi s-suq intern u l-politiki komuni.
- (2) Abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, il-Kunsill adotta, rigward id-Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej, id-Deċiżjoni 2002/166/KE tat-18 ta' Frar 2002, li tawtorizza lil Franza testendi rata mnaqqsa tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti *extra*-Ewropej tagħha <sup>(2)</sup>. Meta mqabbla mar-rati fiskali applikati fuq prodotti simili li ma jkunux ġejjin mid-Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej, ir-rata mnaqqsa tista' tkun

anqas mir-rata minima tas-sisa fuq l-alkoħol stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 92/84/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku <sup>(3)</sup>, iżda ma tistax tkun aktar minn 50 % anqas mir-rata tas-sisa nazzjonali normali fuq l-alkoħol. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill kellha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2009, b'rapport f'nofs it-terminu li kellu jifpassal sa mhux aktar tard minn Ġunju 2006.

- (3) Fis-27 ta' Diċembru 2005, il-gvern Franċiż ippreżenta rapport f'nofs it-terminu filwaqt li indika li kien indispensabbli li tinżamm il-miżura fiskali applikabbli għar-rum tradizzjonali mibjugħ fis-suq kontinentali. Barra minn hekk, Franza talbet li l-miżura applikabbli għar-rum tradizzjonali mibjugħ fis-suq kontinentali tiġi estiża sew fil-volum kif ukoll fit-tul ta' żmien, fid-dawl ta' l-iżviluppi tas-suq Komunitarju tar-rum li essenzjalment jibbenefika l-prodotti ta' oriġini minn pajjiżi terzi, u fil-qies ta' l-importanza ekonomika u soċjali tas-settur u tal-karattru strutturali tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni li jdgħajfu l-produttività tas-settur fid-Dipartimenti *extra*-Ewropej u li jagħmluha diffiċli li l-produttività tiegħu tinżamm fis-suq Komunitarju.
- (4) Iż-żamma tas-settur tal-kannamieli-zokkor-rum fid-Dipartimenti *extra*-Ewropej hija indispensabbli biex jiġi żgurat l-ekwilibriju ekonomiku u soċjali tagħhom. Fit-tliet Dipartimenti l-aktar milquta, jiġifieri Réunion, Guadeloupe u Martinique, is-settur jipproduċi volum ta' kummerċ ta' aktar minn EUR 250 000 000 u jipprovdi madwar 40 000 impjeg, li minnhom 22 000 huma impjegji diretti. Ta' min jinnota wkoll l-impatt pożittiv li l-koltivazzjoni tal-kannamieli għandha fuq il-ħarsien ta' l-ambjent fid-Dipartimenti *extra*-Ewropej. Flimkien mas-settur tal-banana, dan is-settur huwa l-unika attività ta' esportazzjoni sinifikanti f'reġjuni li filhom l-esportazzjoni ma' tkoprix aktar minn 7 % ta' l-importazzjoni. Għaldaqstant, iż-żamma min-naħa ta' Franza, b'deroga mill-Artikolu 90 tat-Trattat, ta' rata mnaqqsa tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti *extra*-Ewropej tagħha hija meħtieġa u ġustifikata bil-għan li l-iżvilupp tagħhom ma jiġix ipperikolat.
- (5) Ir-reviżjoni ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur taz-zokkor li saret fi Frar 2006 tikkontribwixxi parzjalment għall-assigurazzjoni tal-futur tas-settur. Għaldaqstant, jeżistu pjanijiet biex jiġu introdotti miżuri ta'

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-25 ta' Settembru 2007 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 55, 26.2.2002, p. 33.

<sup>(3)</sup> ĠU L 316, 31.10.1992, p. 29.

- appoġġ taħt is-sistemi POSEI (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbegħdin ta' l-Unjoni <sup>(1)</sup>), kemm bħala għajnuna Komunitarja kif ukoll nazzjonali, favur it-titjib tal-kompetittività tas-settur tal-kannamieli-zokkor-rum tad-dipartimenti *extra-Ewropej*. Madankollu, dawn il-miżuri xorta ma jikkumpensawx għat-tneħħija gradwali tal-protezzjoni doganali u jżommu s-sehem tas-suq tar-rum tad-Dipartimenti *extra-Ewropej*.
- (6) Fid-dawl ta' kemm huwa ristrett is-suq lokali, id-distillaturi tad-Dipartimenti *extra-Ewropej* ma jistgħux iżommu l-attivajiet tagħhom ħlief jekk igawdu minn aċċess suffiċjenti għas-suq ta' Franza kontinentali, li jikkostitwixxi l-iżbokk prinċipali għall-produzzjoni tagħhom tar-rum (aktar minn 50 % tat-total).
- (7) In-nuqqas ta' kapaċità kompetittiva fis-suq Ewropew, essenzjalment ikkawżat minn prezzijiet tal-bejgħ għoljin, joriġina mis-sitwazzjoni ta' kemm jiġi jiswa r-rum, li komplet sejra għall-agħar mill-2001 'l hawn. Wara dik id-data, sew l-ispejjeż tal-produzzjoni kif ukoll tax-xogħol żdiedu bil-qawwi fid-Dipartimenti *extra-Ewropej*. Barra minn hekk, ir-rum tad-Dipartimenti *extra-Ewropej* għandhom jikkonformaw ma' l-istandards regolatorji Komunitarji, li jirrikjedu investiment mhux produttiv importanti. Mill-2001, l-investiment magħmul fid-Dipartimenti *extra-Ewropej* qabeż EUR 45 500 000, b'aktar minn nofsu destinat għall-konservazzjoni ambjentali, li jirrappreżenta 47 % tat-total. Madankollu, filwaqt li parti minn dan l-investiment ġie kopert permezz tal-fondi strutturali, dan m'huwiex il-każ għall-ispejjeż operattivi li jirriżultaw, li skond id-distillerija, jistgħu jgħollu kemm jiġi jiswa r-rum b'madwar 10 sa 15 %.
- (8) Dawn l-ispejjeż kollha, li żdiedu ħafna mill-2001, lill-impriżi tad-Dipartimenti *extra-Ewropej* idaħħalhom f'sitwazzjonijiet finazjarji diffiċli. Is-soluzzjoni l-waħdanija biex tiġi żgurata s-sopravivenza fuq perijodu twil tas-settur hija li l-ispejjeż jiġu kkompensati għal volumi akbar ta' produzzjoni.
- (9) Mill-2002 'l hawn, il-volum totali mibgħut lejn is-suq Komunitarju naqas bi 12 %, billi għadda minn 176 791 HAP għal 155 559 HAP. Huwa biss is-suq kontinentali fi Franza, fejn ir-rum mid-Dipartimenti *extra-Ewropej* jikkwalifika għal arranġamenti fiskali speċjali li jikkumpensaw parzjalment għal kemm jiġi jiswa r-rum, li ppermetta s-sopravivenza ta' l-industrija tar-rum tad-Dipartimenti *extra-Ewropej*. Billi jeħtieġ li l-kompetittività tar-rum tradizzjonali mid-Dipartimenti *extra-Ewropej* tiġi appoġġata fis-suq kontinentali ta' Franza bil-għan li tiġi mħarsa l-attività tas-settur taz-zokkor-kannamieli-rum, għandha ssir reviżjoni tal-kwantitajiet ta' rum tradizzjonali li joriġinaw fid-Dipartimenti *extra-Ewropej* eliġibbli għal rata mnaqqsa tas-sisa meta jitqiegħdu f'dak is-suq għall-konsum.
- (10) Il-vantaġġ fiskali awtorizzat bid-deċiżjoni preżenti ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex il-produtturi tar-rum tradizzjonali jiffaċċaw l-ispiża għolja tal-produzzjoni li għandhom.
- (11) Sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjoni preżenti ma tkunx ta' ħsara għall-integrità tas-suq wieħed, il-kwantitajiet ta' rum li joriġinaw fid-Dipartimenti *extra-Ewropej* eliġibbli għal din il-miżura ma jstgħux, bħalma kien il-każ qabel, ikunu akbar mill-konsum kummerċjali rreġistrat f'dawn l-aħħar snin, għas-sorsi differenti ta' forniment.
- (12) Fid-dawl tal-ħtieġa li l-operaturi tas-settur tal-kannamieli-zokkor-rum tinholqilhom klima ta' ċertezza ġuridika, u b'kunsiderazzjoni tal-perijodi twal meħtieġa biex ikopru l-ispejjeż tat-tagħmir u tal-bini, u fl-interess ta' konsistenza ma' regoli oħra Komunitarji għas-settur, id-deroga għandha tingħata sa tmien l-2012.
- (13) Madankollu, jeħtieġ li l-għotja ta' tali perijodu tkun soġġetta għall-kondizzjoni li jsir rapport f'nofs it-terminu sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta jekk ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-għoti tad-deroga fiskali għadhomx japplikaw jew le, u jekk ikun il-każ, tikkunsidra jekk għadhomx jiġu riveduti l-perijodu jew il-kwantitajiet ikkonċernati fid-dawl ta' l-iżviluppi tas-suq Komunitarju tar-rum.
- (14) Id-Deċiżjoni 2002/166/KE għandha tiġi sostitwita.
- (15) Id-Deċiżjoni preżenti hija bla ħsara għall-applikazzjoni possibbli ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat,

## ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 90 tat-Trattat, Franza hija awtorizzata testendi l-applikazzjoni fit-territorju kontinentali tagħha, fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti *extra-Ewropej* tagħha, ta' rata tas-sisa anqas mir-rata sħiħa fuq l-alkoħol stabilita bl-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/84/KEE.

## Artikolu 2

Id-deroga msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun limitata għar-rum kif definit fl-Artikolu 1(4)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' xorb spirituż <sup>(2)</sup>, prodott fid-Dipartimenti *extra-Ewropej* mill-kannamieli maħsuda fil-post tal-produzzjoni, li jkollu kontenut ta' sustanzi volatili minbarra l-alkoħol etiliku u metiliku li jkun ugwali jew oġhla minn 225 gramma għal kull ettolitru ta' alkoħoli pur, u li jkun kiseb tisħiħ alkometriku li jkun ta' 40 % vol. jew aktar.

<sup>(1)</sup> ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2013/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 13).

<sup>(2)</sup> ĠU L 160, 12.6.1989, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005.

*Artikolu 3*

1. Ir-rata mnaqqsa tas-sisa applikabbli għall-prodott imsemmi fl-Artikolu 2 hija limitata għal kwota annwali ta' 108 000 ettolitri ta' alkoħol pur.
2. Ir-rata mnaqqsa tista' tkun anqas mir-rata minima tas-sisa fuq l-alkoħol definita bid-Direttiva '92/84/KEE, iżda ma tistax tkun aktar minn 50 % anqas mir-rata tas-sisa nazzjonali normali fuq l-alkoħol.

*Artikolu 4*

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010, Franza għandha tibgħat lill-Kummissjoni rapport li jippermetti lil din ta' l-aħħar tivvaluta l-persistenza tar-raġunijiet li jkun għustifikaw l-għoti ta' rata mnaqqsa, u jekk ikun il-każ, il-ħtieġa li l-kwota tinbidel skond l-iżvilupp tas-suq.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2012.

*Artikolu 6*

1. Id-Deċiżjoni 2002/166/KE hija b'dan mħassra.
2. Referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fil-Lussemburgu, 9 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. TEIXEIRA DOS SANTOS